KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

**Brussell, 18 ta' Mejju 2009 (20.05)**
**(OR. fr)**

**7524/2/08**
**REV 2**

**PUBLIC 49**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' L-ATTI TAL-KUNSILL<br>Lulju 2007 |

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness I**, sommarju ta' l-atti leġislattivi definittivi adottati mill-Kunsill f'Lulju 2007. Dan huwa akkumpanjat, fl-**Anness II**, b'dikjarazzjonijiet għall-minuti li huma disponibbli għall-pubbliku. Is-sommarju jsemmi wkoll il-voti eventwali kontra u l-astensjonijiet, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni, kif ukoll ir-regoli tal-votazzjoni.

- fl-**Anness III**, sommarju ta' l-atti l-oħra[1] adottati mill-Kunsill f'Lulju 2007, b'referenza, jekk ikun il-każ, tar-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz ta' l-Internet: http://consilium.europa.eu, Taqsima "Dokumenti", "Trasparenza leġislattiva", "Sommarju ta' l-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti msemmija fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-Reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill http://register.consilium.europa.eu.

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' l-atti leġislattivi li huma awtentiċi (aċċessibbli fl-indirizz ta' l-Internet: http://consilium.europa.eu, Taqsima "Dokumenti", "Minuti tal-Kunsill"). L-estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu jinkisbu mis-servizz tat-Trasparenza fl-indirizz transparency@consilium.europa.eu.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'ambitu limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti permezz ta' ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet bagitarji speċifiċi, eċċ.

| LULJU 2007 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' L-ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2813-il laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) fl-10 ta' Lulju 2007** | | | | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Linji Gwida għall-Politika dwar l-Impjiegi ta' l-Istati Membri | 10237/07<br>+ COR 1 (hu) | 95/07 (Kunsill) | maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha huma favur |
| Regolament tal-Kunsill li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Komunità għal ċerti prodotti tal-ħut matul il-perijodu 2007-2009 | 10886/3/07 REV 3 | 96/07 (COM, Kunsill)<br>97/07 (Kunsill) | maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha huma favur |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd . | 9746/07<br>+ COR 1 (da)<br>+ COR 2 (fi)<br>+ COR 3 (lv) | | maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha huma favur |

| LULJU 2007 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' L-ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat, dwar l-adozzjoni minn Ċipru tal-munita unika fl-1 ta' Jannar 2008 | 10861/07 | | maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha huma favur |
| Deċiżjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni minn Malta tal-munita unika fl-1 ta' Jannar 2008 | 10868/07 | | maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha huma favur |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' l-euro f'Ċipru | 10872/07<br>+ REV 1 (sv) | | unanimità | L-Istati Membri kollha huma favur |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro f'Malta | 10873/07<br>+ REV 1 (sv) | | unanimità | L-Istati Membri kollha huma favur |
| **L-2815-il laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD)<br>fis-16 ta' Lulju 2007** | | | | |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli dwar il-kwantitajiet nominali ta' prodotti mballati minn qabel, li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 75/106/KEE u 80/232/KE u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE | PE-CONS 3621/07 | 99/07 (COM, Kunsill)<br>100/07 (COM, Kunsill)<br>101/07 (COM)<br>102/07 (BE) | maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha huma favur |

| LULJU 2007 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' L-ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2816-il laqgħa tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI U RELAZZJONIJIET ESTERNI)**<br>**fit-23 ta' Lulju 2007** | | | | |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem, id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE dwar mezzi mediċi u d-Direttiva tal-Kunsill 98/8/KE dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali | PE-CONS 3612/07<br>+ REV 1 (lt)<br>+ REV 2 (et)<br>+ REV 3 (fi)<br>+ REV 3 COR 1 (fi)<br>+ REV 4 (hu) | | maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha huma favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta’ vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi | PE-CONS 3622/07<br>+ COR 1 (cs) | | maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha huma favur |

**L-2813-il laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) fl-10 ta' Lulju 2007**

**DIKJARAZZJONI 94/07**

**Dikjarazzjoni tal-Kunsill**

"Bl-approvazzjoni ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għall-Konvenzjoni emendata dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari u l-Faċilitajiet Nukleari u l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni mehmuża ta' kompetenza tal-Komunità skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 18(4) tal-Konvenzjoni, il-Kunsill jiddikjara li:

1. Hu mifhum li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jħalli l-għażla tan-natura, it-tip u l-livell tal-pieni għall-partijiet. Il-partijiet mhumiex speċifikament meħtieġa li jimponu pieni kriminali u lanqas m'hemm xi regola ta' proċedura kriminali fl-Artikolu 7. B'mod partikolari, il-liġi kriminali ta' l-Istati Membri mhux ser tiġi armonizzata permezz tal-Konvenzjoni.

2. Id-Dikjarazzjoni ma tfissirx li l-kompetenza Komunitarja hi mingħajr limiti. Il-medda tal-kompetenza biex tilleġisla fl-oqsma konċernati ser tkun dejjem valutata separatament u d-Dikjarazzjoni bl-ebda mod m'hi ser twessa' l-kompetenza Komunitarja eżistenti.

3. F'każ li n-natura gravi ta' l-imġiba elenkata fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tkun teħtieġ li dawk ir-reati jkunu punibbli skond il-liġi kriminali, hu mifhum li l-kompetenza biex ikunu imposti pieni kriminali f'dan il-qasam partikolari ser tkun ta' l-Istati Membri.

Barra minn hekk, il-Kunsill ifakkar id-dikjarazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fl-1987 dwar is-suġġett tar-ratifika tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari u Istallazzjonijiet Nukleari, jiġifieri:

> "Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li r-responsabbiltà għall-iżgurar ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-protezzjoni fiżika stabbiliti fil-Konvenzjoni hija biss ta' l-Istati Membri.
>
> L-Istati Membri mhux ser ikunu marbutin li jippreżentaw rapporti operattivi lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni m'hi ser tistabbilixxi ebda kompatibbiltà u lanqas m'hi ser twettaq xi spezzjoni fuq il-post dwar il-miżuri tal-protezzjoni fiżika meħudin mill-Istati Membri."."

**DIKJARAZZJONI 95/07**

**Dikjarazzjoni tal-Kunsill**

"Il-Kunsill jieħu nota tat-talba tal-Parlament Ewropew biex dan jingħata l-ħin meħtieġ, u fi kwalunkwe każ mhux inqas minn ħames xhur, biex jissodisfa r-rwol konsultattiv tiegħu, kif definit fl-Artikolu 128(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, waqt ir-reviżjoni sħiħa tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi li hija skedata li sseħħ fl-2008. Il-Kunsill jimpenja ruħu, soġġett għad-data li fiha l-Kummissjoni tippreżenta l-proposta tagħha, li jagħmel mill-aħjar biex jirrispetta t-talba tal-Parlament Ewropew, u jinsab ħerqan għal kooperazzjoni kostruttiva mal-Parlament bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi riveduti jiġu adottati fiż-żmien debitu.".

## DIKJARAZZJONI 96/07

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill**

"Il-Kummissjoni u l-Kunsill jerġgħu jiddikjaraw li l-prattika tal-glazing għandha tkun assoċjata ma' l-iffriżar tal-prodott u għalhekk mhux neċessarjament tikkostitwixxi operazzjoni ta' proċessar li tagħti d-dritt għal kwota fis-sens tan-nota b f'qiegħ il-paġna)."

## DIKJARAZZJONI 97/07

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni - Klawsola ta' reviżjoni**

"Il-Kummissjoni ser tissorvelja b'attenzjoni s-sitwazzjoni tas-suq Komunitarju tal-prodotti tas-sajd, li għalihom huma miftuħa kwoti tariffarji awtonomi għall-perijodu 2007-2009. Jekk matul dan il-perijodu s-suq Komunitarju f'wieħed jew aktar minn dawn il-prodotti jkun affetwat minn tfixkil serju jew problemi ta' forniment, il-Kummissjoni ser tivvaluta s-sitwazzjoni b'konsiderazzjoni debita tal-fatturi rilevanti kollha u, kif xieraq, tippreżenta proposti lill-Kunsill biex is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata."

**L-2815-il sessjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD)
fis-16 ta' Lulju 2007**

## DIKJARAZZJONI 98/07

**Commission Statement** (to be inserted in the Coreper's minutes) /only in EN/
The European Council held in Brussels in 2002 decided in its conclusions that new Member States will accede to the European Development Fund as of the new Financial Protocol (10th EDF)[1].
In order to further streamline and harmonise procedures, participation in procedures for the awarding of procurement contracts or grants financed from the 9th and 10th European Development Fund shall be open to all natural and legal persons from EU Member States, including the new EU 12, as from the date of entry into force of the 10th European Development Fund.
Regarding the participation in the awarding of grants and in procurement procedures under the 9th European Development Fund, this shall apply to tenders and calls for proposals which are published as from the same date.

## DIKJARAZZJONI 99/07

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill**

"Skond it-Trattat u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri li jkunu qed japplikaw it-tneħħija gradwali ma jistgħux jirrifjutaw, jipprojbixxu jew jirrestrinġu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti kkummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor għal raġunijiet li jikkonċernaw il-kwantitajiet nominali ta' l-imballaġġ."

1 Anness I tal-Konklużjonijiet.

## DIKJARAZZJONI 100/07

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill**

"L-Istati Membri, li fil-preżent ma japplikawx daqsijiet nazzjonali fis-setturi li għalihom tapplika t-tneħħija gradwali, m'għandhomx jintroduċu regoli ġodda għal kwantitajiet nominali ta' l-imballaġġ."

## DIKJARAZZJONI 101/07

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**
**dwar ir-rimi ta' ħażniet ta' inbid u xorb spirituż**

"Il-medda fil-futur għall-kwantitajiet nominali Komunitarji ta' inbejjed u xorb spirituż, fl-intervalli koperti mill-Anness, bażikament tirriproduċi dawk eżistenti, bl-eċċezzjoni ta' 1125ml għax-xorb spirituż. Għaldaqstant, l-effett ser ikun prattikament insinifikanti. Il-kategoriji b'valur inferjuri jew superjuri mill-intervalli definiti fl-Anness (bejn 100 - 1500 ml ħlief il-125 ml bħala kwantità nominali inferjuri għall-inbid bil-gass u 2 000 ml bħala kwantità massima għax-xorb spritiuż) mhumiex koperti mill-Anness u b'hekk jaqgħu taħt il-prinċipju ġenerali ta' kwantitajiet nominali liberi.

Skond l-Artikolu 8 tal-Pożizzjoni Komuni (Traspożizzjoni), l-Istati Membri għandhom 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva sabiex jinkorporaw l-istrument fil-liġi nazzjonali. Id-Direttiva ssir applikabbli minn 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħha, li jfisser li hemm ukoll mhux inqas minn sitt xhur bejn it-traspożizzjoni tad-Direttiva u l-applikazzjoni tagħha. Dan jagħti biżżejjed żmien lill-manifatturi kkonċernati sabiex jadattaw.

Aktar minn hekk, il-prodotti b'imballaġġ minn qabel li jkunu tqiegħdu fis-suq qabel l-applikazzjoni tad-Direttiva, per eżempju, dawk li jinsabu fil-kanali tad-distribuzzjoni, mhux ser ikunu affettwati mid-Direttiva u jistgħu jinbiegħu lill-konsumatur finali.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-rimi tal-ħażniet ta' nbid u xorb spirituż b'imballaġġ minn qabel mhux ser ikun diffiċli fil-prattika."

## DIKJARAZZJONI 102/07

**Dikjarazzjoni mill-Belġju**

"Il-Belġju appoġġa din il-proposta fuq il-meriti proprji tagħha biss mingħajr konsiderazzjoni oħra fir-rigward tal-perspettivi mogħtija mill-Kummissjoni għal din id-Direttiva."

**L-2816-il laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI U RELAZZJONIJIET ESTERNI) fit-23 ta' Lulju 2007**

## DIKJARAZZJONI 103/07

**Dikjarazzjoni tar-Repubblika Ċeka**

"dwar il-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-rekord ta' l-ismijiet tal-passiġġieri ("data PNR") minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti ("DHS")

Ir-Repubblika Ċeka ttenni l-importanza li hi torbot mal-garanziji tal-livell adegwat ta' Protezzjoni tad-Data Personali taċ-Ċittadini ta' l-UE fir-relazzjonijiet tagħha ma' partijiet terzi.
F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Ċeka tikkondividi ftit mit-tħassib espress mill-Parlament Ewropew rigward il-kwistjoni ta' konformità tal-Ftehim PNR il-ġdid mal-prinċipji ta' l-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali.
Ir-Repubblika Ċeka tistieden lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 29 u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data biex jikkooperaw mill-qrib waqt l-abbozzar tal-leġislazzjoni l-ġdida dwar is-sistema PNR ta' l-UE sabiex jiżugraw livell għoli ta' Protezzjoni tad-Data Personali fl-UE.

## DIKJARAZZJONI 104/07

**Dikjarazzjoni mill-Belġju**

"Il-Belġju jaċċetta l-ifirmar mill-Presidenza tal-Kunsill tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-rekord ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (data PNR) minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti (DHS) imsemmi fid-dokument 11596/07 JAI 372. Madankollu hu jissottolinja l-importanza li hu jagħti lil valutazzjoni effikaċi u regolari ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-impenji Amerikani fir-rigward tal-protezzjoni tad-data privata li hi deskritta fl-Assigurazzjonijiet. Hu jitlob li dan l-aspett ikun inkluż fil-kondizzjonijiet tal-proċess ta' eżami mill-ġdid li għandu jkun determinat bejn l-UE u d-DHS u li l-Istati Membri jkunu informati b'dawn il-kondizzjonijiet."

## DIKJARAZZJONI 105/07

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija**

- **il-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995, abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Konvenzjoni Europol):**

"Skond l-Artikolu 40(2) tal-Konvenzjoni Europol, ir-Repubblika tal-Bulgarija tesprimi l-kunsens tagħha li kwistjonijiet bejn l-Istati Membri dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni jkunu sistematikament riferuti lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.";

- **il-Protokoll ta' l-24 ta' Lulju 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-interpretazzjoni, permezz ta' deċiżjonijiet preliminari, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija:**

"Skond l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar l-interpretazzjoni, permezz ta' deċiżjonijiet preliminari, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni Europol, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li hija taċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej skond il-proċeduri speċifikati fl-Artikolu 2(2)(a)."

## DIKJARAZZJONI 106/07

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Daniża u dik Litwana**

**rigward il-Ftehim ta' Tkabbir taż-ŻEE**

"Biex isir kontrabilanċ ta' l-effetti tat-Tkabbir taż-ŻEE u biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u ugwali fis-suq globali tal-ħut, id-Danimarka u l-Litwanja jisħqu dwar l-importanza li jinkisbu forniment ta' materja prima mingħajr dazju ta' aringi friski u kavalli friski minn pajjiżi terzi għall-industrija ta' l-ipproċessar tal-ħut ta' l-UE. Għalhekk, id-Danimarka u l-Litwanja jitloblu lill-Kummissjoni biex tanalizza s-sitwazzjoni l-ġdida tas-suq u jekk meħtieġ biex tikkunsidra l-proposti xierqa."

## DIKJARAZZJONI 107/07

**Dikjarazzjoni konġunta ta' Spanja u tar-Renju Unit**

"Spanja u r-Renju Unit jiddikjaraw li din id-Direttiva kif ukoll kwalunkwe attività jew miżura li tittieħed fl-ambitu ta' l-applikazzjoni tagħha jew li toħroġ minnha tinftiehem li hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi ta' Spanja u tar-Renju Unit fir-rigward tal-kunflitt dwar is-sovranità u l-ġurisdizzjoni ta' l-ilmijiet fil-kuntest ta' Ġibiltà."

| LULJU 2007 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| **L-2813-il laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) fl-10 ta' Lulju 2007** | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-Awstrija tikkonkludi ftehim ma' l-Isvizzera li jinkludi dispożizzjonijiet li jidderogaw mill-Artikolu 2(1)(d) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>Dok. 11019/07 + COR 1 (fi) | |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/439/PESK dwar kontribut ulterjuri ta' l-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' soluzzjoni tal-kunflitt fil-Ġeorġja/l-Ossetja tan-Nofsinhar<br>Dok. 10667/07 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari u tal-Faċilitajiet Nukleari<br>Dok. 10341/07 | dikjarazzjoni:<br>94/07 (Kunsill) |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' l-Iżrael<br>Dok. 10424/07 + COR 1 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jikkonċerna l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jistipula, għall-perijodu bejn is-16 ta' Settembru 2006 u l-15 ta' Settembru 2012, l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduti bil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa u r-Repubblika ta' Kiribati min-naħa l-oħra<br>Dok. 9283/07 + COR 1 (da) + REV 1 (lt) | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza u l-finanzjament tal-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità u tal-Fondazzjoni tal-Kumitat dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità<br>Dok. 11308/07 | |

| LULJU 2007 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| **L-2814-il laqgħa tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI/BAĠIT) fit-13 ta' Lulju 2007**<br><br>- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta’ Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika Lebaniża, fuq in-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta’ Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta’ l-Ungerija, tar-Repubblika ta’ Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea<br>Dok.  11299/07 + COR 1<br><br>**L-2815-il laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) fis-16 ta' Lulju 2007**<br><br>Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK dwar l-istabbiliment ta' tim ta' l-UE biex jikkontribwixxi għat-tħejjijiet ta' l-istabbiliment ta' missjoni ċivili internazzjonali possibbli fil-Kosovo, inkluż komponent ta' Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (it-Tim ta' Tħejjija ICM/EUSR)<br>Dok.  11396/07 + COR 1<br><br>Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni maċ-Ċentru Afrikan ta' Studju u ta' Riċerka dwar it-Terroriżmu, fil-qafas ta' l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea tal-ġlieda kontra t-terroriżmu<br>Dok.  11023/07<br><br>Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 817/2006 li jġedded il-miżuri restrittivi fir-rigward tal- Burma/Mjanmar<br>Dok. 10878/07 | |

| LULJU 2007 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li timmodifika l-Ftehim Intern tas-17 ta' Lulju 2006 bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-finanzjament ta' l-għajnuna Komunitarja taħt il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perijodu 2008-2013 skond il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u l-allokazzjoni ta' l-assistenza finanzarja għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' parti tat-Trattat KE<br>Dok. 10332/07 | dikjarazzjoni:<br>98/07 (COM) |
| Regolament tal-Kunsill li jestendi s-sospensjoni tad-dazju definittiv ta' l-anti-dumping impost bir-Regolament (KE) Nru 215/2002 fuq importazzjonijiet tal-ferro-molybdenum li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina<br>Dok. 11166/07 | |
| **L-2816-il laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI U RELAZZJONIJIET ESTERNI) fit-23 ta' Lulju 2007** | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-reġistru ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti<br>Dok. 11493/07 + COR 1 | |
| Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data mir-reġistru ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti (DHS)<br>Dok. 11595/07 + REv 1 (nl) + REV 2 (fi) + REV 3 (ro) | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data mir-reġistru ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti (DHS)(Ftehim PNR 2007)<br>Dok. 11596/07 + REV 1 (ro) | Astensjoni: AT<br>dikjarazzjoni:<br>103/07 (CZ)<br>104/07 (BE) |

| LULJU 2007 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni, eventwalment possibbli, ta' l-UE ta' l-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat ta' dritt u f'oqsma oħra possibbli fil-Kosovo<br>Dok. 11411/07 | |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill b'appoġġ tal-Konvenzjoni dwar il-projbizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti armi konvenzjonali (CCW) li jistgħu jitqiesu li huma ta' ħsara eċċessiva jew li għandhom effetti mhux diskriminatorji, fil-qafas ta' l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà<br>Dok. 10163/07 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 204/293/PESK li ġġedded il-miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (TKIJ)<br>Dok. 11586/07 | |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 234/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Liberja<br>Dok. 11094/07 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Konvenzjoni Europol)<br>Dok. 11617/07 | dikjarazzjoni: 105/07 (BU |
| Konklużjoni tal-Kunsill dwar ir-Rapport speċjali Nru 1/2007 dwar l-implimentazzjoni tal-proċess ta' nofs it-term - fondi strutturali 2000-2006<br>Dok. 11578/1/07 REV 1 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tat-tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija<br>Dok. 10603/07 + COR 1 (en) | |

| LULJU 2007 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fid-dawl tas-sitt sessjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk<br>Dok. 11801/07 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari ta' l-Alġerija, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea<br>Dok. 11763/07 | |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 397/2004 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' friex tas-sodda tal-qoton li joriġinaw mill-Pakistan<br>Dok. 11604/07 | |
| Regolament tal-Kunsill li jtemm ir-reviżjoni interim tal-miżuri antidumping imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1910/2006 fuq importazzjonijiet tas-sistemi tal-kameras tat-televiżjoni li joriġinaw mill-Ġappun u li jirrevoka l-miżuri anti-dumping imposti bir-Regolament (KE) Nru 1910/2006<br>Dok. 11369/07 | |
| Regolament tal-Kunsill li jneħħi d-dazju anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' urea li joriġinaw mir-Russja, wara reviżjoni ta' l-iskadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, u li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali skond l-Artikolu 11(3) ta' dawn l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Russja<br>Dok. 11527/07 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u f'erba' ftehimiet relatati<br>Dok. 10834/01/07 REV 1 + REV 2 (hu) | dikjarazzjoni: 106/07 (DA, LT) |

| LULJU 2007 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni Komunitarja li għandha tiġi adottata fil-Kumitat Konġunt KE-Svizzera fuq Rakkomandazzjoni ta' l-imsemmi Kumitat dwar ir-reimportazzjoni ta' prodotti oriġinarji u dwar l-aċċettazzjoni mill-Partijiet Kontraenti ta' provi simplifikati ta' l-oriġini, mogħtija minn esportaturi approvati<br>Dok. 11171/07 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu dwar il-Kooperazzjoni u l-Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija<br>Dok. 11904/07 + COR 1 (fi) | |
| Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra<br>Dok. 9284/07 REV 1 | |
| Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea<br>Dok. 8870/07 + COR 1 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill - Tħejjijiet għas-Sitt Konferenza Ministerjali dwar l-Ambjent għall-Ewropa (Belgrad, 10-12 ta' Ottubru 2007)<br>Dok. 11906/07 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar proposta, f'isem il-Komunità Ewropea flimkien ma' l-Istati Membri tagħha, għal emendi għall-Anness rispettivi tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-Pollutanti Persistenti Organiċi (POPs)<br>Dok. 11785/07 | |
| Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ambjentali marina (Direttiva dwar l-Istrateġija Marina)<br>Dok. 9388/07 + COR 1 (lv) + COR 2 (es) + COR 3 (nl) + ADD 1 + REV 1 (hu) | Astensjoni: IT<br>dikjarazzjoni:<br>107/07 (ES, UK) |

| LULJU 2007 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Pożizzjoni komuni tal-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ<br>Doc. 8520/07 .REV 1 (lt) + REV 2 (mt) + REV 3 (hu) + COR 1 (fi)<br><br>Pożizzjoni komuni tal-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 l-Programm Speċifiku "Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga" bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"<br>Dok. 8698/2/07 REV 2 + REV 3 (fi)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Balkani tal-Punent - Albanija<br>Dok. 12063/1/07 REV 1<br><br>**L-2817-il laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI U RELAZZJONIJIET ESTERNI)**<br>**fit-23 u l-24 ta' Lulju 2007**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan/Darfur<br>Dok. 11947/1/07 REV 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani<br>Dok. 11955/2/07 REV 2<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu<br>Dok. 11928/07<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Balkani tal-Punent - Albanija<br>Dok. 12063/1/07 REV 1 | |